A.L. 96 ta' l-2010

ATT DWAR DAZJU TAS-SISA
(KAP. 382)

Regolamenti ta' l-2010 dwar l-Att dwar Dazju tas-Sisa (Emenda tas-Sitt Skeda)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 dwar l-Att dwar Dazju tas-Sisa (Emenda tas-Sitt Skeda), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mas-Sitt Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Dazju tas-Sisa, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "is-Sitt Skeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu f'dawk id-dati li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', b'avviż fil-Gazzetta, jappunta.

Jemenda Taqsima B tas-Sitt Skeda.

2. Fit-Taqsima B tas-Sitt Skeda, fir-regolament 10 subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsa u għoxrin elf euro (25,000)".

Jemenda Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda.

3. Fit-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda, fir-regolament 12 subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsa u għoxrin elf euro (25,000)".

Jemenda Taqsima D tas-Sitt Skeda.

4. Taqsima D tas-Sitt Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fir-regolament 14, minflok il-kliem "elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsa u għoxrin elf euro (25,000)";

(b) minflok ir-regolament 17 għandu jidħol dan li ġej:

"17A. (1) Skond ir-regolamenti 13 u 14 tar-Regolamenti dwar Oġġetti tas-Sisa nafti li jaqgħu taħt il-Kodiċi tas-Sistema Armonizzata 2710.19.41.00, 2710.19.45.00 u 2710.19.49.00 u pitrolju li jaqa' taħt il-Kodiċi tas-Sistema Armonizzata 2710.19.25.00 meta jkunu mibjugħin jew fornuti taħt xi sospensjoni ta' dazju kif provdut fir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att, għandhom ikunu mmarkati b'mod fiskali.

(2) (a) Kull waħda minn dawn is-sustanzi għandha tikkostitwixxi marka fiskali:

(i) għan-nafti, eskluż nafti maħsubin biex jintużaw għat-tisħin -

(aa) N-Ethyl-N-[2-(1-isobutoxyethoxy) ethyl]-4-(phenylazo)aniline kif definit fl-Indiċi ta' l-Ilwien bħala Solvent Yellow 124, u

(bb) Kull żebgħa ħamra.

(ii) għan-nafti maħsubin biex jintużaw għat-tisħin u l-pitrolju –

(aa) N-Ethyl-N-[2-(1-isobutoxyethoxy) ethyl]-4-(phenylazo)aniline kif definit fl-Indiċi ta' l-Ilwien bħala Solvent Yellow 124, u

(ii) (bb) Kull żebgħa kaħla antrakinina.

(b) Il-marki għandhom jiġu miżjudin f'dawn il-proporzjonijiet:

(i) għan-nafti, eskluż nafti maħsubin biex jintużaw għat-tisħin –

(aa) mhux inqas minn 6 milligrammi imma mhux iżjed minn 9 milligrammi ta' N-Ethyl-N-[2 -(1-isobutoxyethoxy)ethyl] - 4 -(phenylazo)aniline għal kull litru ta' żejt minerali, u

(bb) mhux inqas minn dik il-kwantità ta' lewn aħmar li tagħti intensità ta' kulur, meta mkejla bi spettrofotometru ta' 500 - 540

namometri, li tikkorrespondi għal 5 milligrammi ta' 1-[4(phenylazo)phenylazo]-2-[ethylamino] naphtalene għal kull litru ta' żejt minerali.

(ii) għan-nafti maħsubin biex jintużaw għat-tisħin, u għal pitrolju –

(aa) mhux inqas minn 6 milligrammi imma mhux iżjed minn 9 milligrammi ta' N-Ethyl-N-[2-(1-isobutoxyethoxy) ethyl] - 4 -(phenylazo) aniline għal kull litru ta' żejt minerali, u

(bb) mhux inqas minn dik il-kwantità ta' żebgħa antrakinina kaħla li tagħti intensità ta' kulur, meta mkejla bi spettrofotometru ta' 630 namometri, li tikkorrispondi għal 5 milligrammi ta' C.I.Solvent Blue 79, kif definit fl-Indiċi ta' l- Ilwien, għal kull litru ta' żejt minerali.

17B. (1) Għandha tiżdied marka kimika nazzjonali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-marka", maż-żjut minerali kollha identifikati mill-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' ordni fil-Gazzetta u maħsuba li jinħarġu għall-konsum.

(2) Il-marka għandha tiġi fornita lill-kustodji ta' maħżen reġistrat mid-Dipartiment tad-Dwana wara li jsir ħlas. Il-ħlas li jintalab għandu jkun ikopri l-ispejjeż ta' kemm jiġi l-prodott lid-Dipartiment.

(3) Il-marka għandha tiżdied ma' dawk iż-żjut minerali billi jintużaw pompi ta' dożaġġ fil-proporzjonijiet ordnati mill-Kontrullur tad-Dwana.

(4) Ebda żejt minerali bħal dawk ma jista' jinħareġ għall-konsum kemm-il darba ma jkunx ġie hekk immarkat.";

(ċ) fir-regolament 18, minflok il-kliem "fir-regolament 17(1)" għandhom jidħlu l-kliem "fir-regolament 17A (1)"; u

(d) fir-regolament 19, minflok il-kliem "fir-regolament 17(2)(b)" għandhom jidħlu l-kliem "fir-regolament 17A (2)(b)"; u

(e) fir-regolament 23, minflok il-kliem "ir-regolament 17" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "ir-regolament 17A".

Jemenda Taqsima E tas-Sitt Skeda.

5. Fit-Taqsima E tas-Sitt Skeda, fi Skeda II tagħha, minnufih wara l-paragrafu 12 tagħha għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"13.Kull min jonqos milli jħares id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (25,000).".

Jemenda Taqsima F tas-Sitt Skeda.

6. Fit-Taqsima F tas-Sitt Skeda, fir-regolament 10 subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsa u għoxrin elf euro (25,000)".

Jemenda Taqsima G tas-Sitt Skeda.

7. Fit-Taqsima G tas-Sitt Skeda, fir-regolament 6 subregolament (4) tiegħu, minflok il-kliem "elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsa u għoxrin elf euro (25,000)".